KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 344**

**T-Tnejn 7 ta' Awwissu, 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera –

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi – 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**344.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

344.1.1 Is-Segretarju qara ittra mingħand il-kunsilliera Gillian Farrugia Pace li ma tistax tattendi

**344.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

344.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 342 u 343. Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 342 u tal-laqgħa imsejjħa b'urġenza numru 343, jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**344.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

344.3.1 Is-Sindku qalet li waqt Laqgħa tar-Reġjun, saret diskussjoni dwar l-iskema tal-Gvern li jagħti €100,000 għal manutenzjoni ta' toroq għal lokalitajiet li jiffurmaw parti mir-Reġjun Nofsinar. Ir-Reġjun wara li evalwa l-applikazzjonijet li daħħlu qabel li tinqasam is-somma bejn kulħadd li tiġi madwar €7,000 kull Kunsill. Peress li l-applikazzjoni tal-Kunsill tas-Siġġiewi biex jingħata wiċċ ġdid lil Triq Nerik Vassallo, tlaħħaq is-somma ta aktar minn €10,000, is-Sindku proponiet li jekk dan il-proġett ikun approvat mill-Gvern, il-Kunsill iħallas id-differenza. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

344.3.2 Is-Sindku qalet li ġiet avviċinata mill-ħbieb ta' Annabelle Vassallo fejn xtaqu li jagħmlu numru ta' proġetti għall-għaqdiet taz-zgħazagħ tas-Siġġiewi għall-memorja tas-Sinjorina Vassallo. Is-Sindku qalet li l-għajnuna li qed tintalab mill-Kunsill hi li jgħin fl-amministrazzjoni tal-proċess tal-għazla tal-proġetti proposti mill-għaqdiet taz-zgħazagħ. Il-finanzi ghal din l-inizjattiva mhux se jkunu responsabbilitá tal-Kunsill Lokali u s-Sindku tenniet li l-Kunsill Lokali se jghin biss fil-kommunikazzjoni u process ta' ghazla, bil-progetti maghzula jithabbru waqt Jum is-Siggiewi 2018. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

344.3.3 Is-Sindku aġġornat lil Kunsill dwar il-laqgħa skedata mal-Onor Deo Debattista. Il-Laqgħa li kienet waħda kordjali u li għaliha flimkien mas-Sindku attenda wkoll is-Segretarju Eżekuttiv iddiskutiet diversi punti relatati mal-indafa pubblika. Saret diskussjoni wkoll dwar il-ħsieb tal-Gvern li titwaqqaf Aġenzija, biex tieħu ħsieb l-indafa pubblika. Is-Sindku tkellment ukoll dwar l-importanza li l-gvern jgħin lis-Siġġiewi b'aktar servizzi ghatt-tindif tal-bye pass inkluż il-ħasil tagħha, ghaz-zona ta' Kircippu u li jsir nfurzar aktar effettiv li jitratta l-isfida ta' plots vojta.

334.3.4 Is-Sindku nfurmat ukoll lil Kunsill li l-parti miftuha tal-garaxx tal-Kunsill ħadet in-nar, dan wara li qabdet l-għalqa ta' biswit il-garaxx. Fil-parti li ħadet in-nar kien hemm oġġetti li m'ghadhomx jintużaw bhal bins antiki u xi bankijiet tal-ħadid. Sar rapport l-għassa fuq il-Każ.

334.3.5 Is-Sindku qalet li l-kuntratt għal ġbir tal-iskart domestiku wasal biex jagħlaq. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jinbeda l-proċess għall ħruġ ta' tender ġdid.

344.3.6 Is-Sindku nfurmat lil Kunsilliera li ntalbet laqgħa mal-Ministru Ian Borg biex miegħu issir diskussjoni generali fuq it-toroq urbani u rurali tas-Siġġiewi kif ukoll dwar l-infrastruttura li twassal ghal Ghar Lapsi inkluz Triq Kilpa u Triq Lapsi. Is-Sindku qalet ukoll li ntghalbet laqgha mal-Ministru Konrad Mizzi dwar il-bini mill-ġdid tal-latrina ta' Għar Lapsi.

**344.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

344.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**344.5 Tismija ta' Triq Viċin Triq tal-Lawrenti**

344.5.1 Is-Sindku qalet li rċeviet talba biex jingħata isem għal sqaq fi Triq tal-Lawrenti. Il-Kunsillier Dominic Grech tkellem dwar il-ħtieġa li anki jsiru tabelli fiż-żona biex wieħed jagħraf liema hi t-Triq tal-Lawrenti. Il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni għal-isem ta' Sqaq numru 1 fi Triq tal-Lawrenti.

**344.6 Aġġornament dwar il-Housing estate il-ġdid**

344.6.1 Is-Sindku qalet li saret il-Laqgħa mal-Onor Roderick Galdes. Matul il-Laqgħa s-Sindku tkelmet dwar id-diffikulatjiet tal-proġett u resqet il-posizzjoni tal-Kunsill kontra l-iżvillupp eċċessiv tal-proġett. Is-Sindku qalet li fil-ġranet li ġejjin ser tissejjaħ laqgħa mar-residenti biex tingħata presentazzjoni dwar il-proġett. Il-Kunsillier Clayton Cutajar qali li minn naħa tiegħu tkellem mal-Onor Galdes u li l-Onor Galdes qallu li bħala planning gain lest li jgħin fil-bini tal-proġett tan-*night shelter* għall-anzjani. Is-Sindku qalet li dawn huma żewġ proġetti separati u li fil-mument għandna naraw x'ser jiġri dwar il-proġett tal-*housing*.

**344.7 Diskussjoni dwar policy documents immressqa mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali**

344.7.1 Is-Sindku talbet lil kulħadd sabiex jgħaddi l-kummenti tiegħu dwar il-policy documents imressqa mill-LCA sal-20 t'Awwissu biex sal-25 tintbagħat risposta uffiċċjali hekk kif mitlub.

**344.8 Għażla ta' mpjegat ġdid tal-Kunsill**

344.8.1 Is-Segretarju ġie mitlub jiprezenta r-rizultati tal-interviews li saru. Il-Kunsill approva r-rakomandazzjoni tal-kumitat u sar qbil unanimu li s-Sa Maria Sammut tkun irrakomandata għal-posizzjoni vakanti li kellu l-Kunsill.

**344.9 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

344.9.1 Il-Kunsillier Dominic Grech tkellem dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fi Trejqet l-Anġli. Is-Sindku semmiet ukoll problema dwar is-sigurta' fi triq Dun Manwel Zammit. Sar qbil li jitqabbad l-espert Bjorn Bonello biex jagħmel ir-rakkomandazzjoniijet tiegħu.

344.9.2 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-preparamenti għall-Festa Għeneb. Huwa qal li l-affarijiet mixjin b'ritmu tajjeb u li kollox mixi kif ipjanat.

344.9.3 Il-Kunsillier Clayton Cutajar tkellem dwar lapida ta' żmien il-Gwerra li kienet inqalat minn Triq Ramija biex terġa ssib posta f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li s-Sindku u Vici Sindku jmorru fil-post u jaraw jekk hemmx post fejn tista' titwahhal din l-lapida fiz-zona ta' Triq Ramija.

344.9.4 Il-Kunsillier Clayton Cutajar tkellem ukoll fuq Triq Ramija u semma l-ħtieġa li l-parti minn bankina li qatt ma saret minħabba issues mal-WSC issa tinqata u ssir. Is-Segretarju għandu jitkellem mal-perit tal-kunsill.

344.9.5 Il-Kunsillier Kola Cassar tkellem dwar il-bżonn ta' tabella li turi Sqaq numru 3 fi Triq San Ġakbu. Is-Segretarju ikkonferma li din it-tabella ġiet ordnata.

344.9.6 Il-Kunsillier Dominic Grech tkellem dwar *Clean up event* ppjanata li ssir għas-16 ta' Settembru 2017 fis-Siġġiewi.

**344.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

344.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku ppropona li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**344.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

344.11.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.30 p.m. u s-Sindku ppproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 4 ta' Settembru 2017 fis-7.00p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 4 ta' Settembru 2017.

| | |
|---|---|
| Dr Alessia Psaila Zammit | Keith Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |